Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 27th March 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1124/2005 FS, in the names Falzon Paul v Debono Pauline et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants Pauline Debono and Madame X Ltd, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Paul Falzon 422060M, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 24th November 2005, against 1. Pauline Debono 676160M, 2. Madame X Ltd C 18898, 3. Registrar of Companies, whereby they asked the defendants why this Honourable Court should not:

1. Declare that the signature on the document of the company dated 22nd October 1997 and the attached memorandum and articles is not that of the plaintiff;

2. Declare the document of the company dated 22nd October 1997 and the attached document and articles are irregular and null;

3. Declare that every decision, act and obligation of the company Madame X Ltd made in virtue of these documents irregular and null and

4. Order the Registrar of Companies to delete the said documents from the Registry of Companies;

With costs, the defendants are summoned so that a reference to their evidence is made.

Defendants 1. …Omissis…

2. 2, Alley 2, Gandlora Str, Żebbuġ, Malta.

3. 2, Alley 2, Gandlora Str, Żebbuġ, Malta.

For all intents and purposes of law it is hereby declared that the Registrar of Companies filed a Note of Pleas in the records of this Writ of Summons Number 1124/2005 FS, in the names Falzon Paul vs Debono Pauline et, on the 23rd March 2006.

The cause Writ of Summons Number 1124/2005 FS, in the names Falzon Paul vs Debono Pauline et, has been put off to the 18th April 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 10th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

555

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Christine Spiteri ppreżentat rikors ġuramentat (Nru. 8/07 JA) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 2937/2004 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 11 ta' April, 2007.

MARISA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Christine Spiteri filed an application under oath (No. 8/07 JA) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 2937/2004 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 11th of April, 2007.

MARISA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

556

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-10 ta' Marzu 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2007 mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali kontra Nadine Pace Wismayer (Nru tal-Passaport 577670) fejn talab illi din il-Qorti:

1. Issib lill-intimata Nadine Pace Wismayer ħatja ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimata għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista' tiġi mġiegħla biex twieġeb għall-akkużi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Ir-rikors numru 70/07 quddiem il-Maġistrat Dr Giovanni Grixti, LL.D., jinsab differit għat-18 ta' April 2007 fil-11.00 a.m.

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th April 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Application, filed on the 14th March 2007, by the Director of Civil Courts and Tribunals against Nadine Pace Wismayer (Passport No. 577670) whereby he asked that this Court:

1. Find the respondent Nadine Pace Wismayer guilty of contempt towards the Courts authority in the terms of Title XVII of the Third Book of Cap. 12; and

2. Consequently condems the respondent to the penalties prescribed by law in the same Title XVII above mentioned;

With costs against the respondent from now summoned so that a reference to its evidence will be made and she is hereby warned that if she fails to appear she can be made to answer to the charges by means of a warrant of escort or arrest.

The application number 70/07 before Magistrate Dr Giovanni Grixti, LL.D., is put off to the 18th April 2007 at 11.00 a.m.

Notifika Nadine Pace Wismayer – Huntington Court, Suite No 7, New Street off Bay Junction, St Julians.

Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 12 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Service Nadine Pace Wismayer – Huntington Court, Suite No 7, New Street off Bay Junction, St Julians.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

557

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Settembru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc ġa Korporazzjoni Telemalta

Vs

Marika Ben Dhiaf

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fit-2 ta' Frar 2005 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 127/99) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju 1999, il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc is-somma ta' mitejn u sebgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu Lm270.50 (€630.10), bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuta ħallset biss ħamsa u tletin lira Maltija Lm35 (€81.53), u b'hekk l-ammont dovut huwa ta' mitejn u ħamsa u tletin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu Lm235.50 (€548.57) bħala bilanċ tas-sorte fuq indikati, oltre tnejn u sittin lira Maltija u disgħin ċenteżmu Lm62.90 (€146.52) spejjeż u drittijiet professjonali skond taxxa annessa mmarkata Dokument A kif ukoll mitt lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu Lm100.48 (€234.06) imgħax ikkalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-18 ta' Ottubru 2004, u għalhekk l-ammont dovut huwa ta' tliet mija u tmienja u disgħin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu Lm398.88 (€929.14) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 6th September 2005, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc previously known as Telemalta Corporation

Vs

Marika Ben Dhiaf

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 2nd February 2005 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not No. 127/99) decided by the said Court on the 18th June 1999, the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of two hundred and seventy Maltese liri and fifty cents Lm270.50 (€630.10), with interest and costs.

From the said sum the defendant has paid only thirty five Maltese Liri Lm35 (€81.53), so the amount due is that of two hundred and thirty five Maltese liri and fifty cents Lm235.50 (€548.50), and also sixty two Maltese liri and ninty cents Lm62.90 (€146.52) expenses and professional fees as indicated in the annexed bill of cost marked Document A and also one hundred Maltese liri and forty eight cents Lm100.48 (€234.06) interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of the judgement till the 18th October 2004, and so the amount due is three hundred and ninty eight Maltese liri and eighty eight cents Lm398.88 (€929.14) saving any further interest till the effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants to gather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to

tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex teżegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, il-Marsa

Intimata: Marika Ben Dhiaf, 2, Flat 4, Triq San Ġorġ, Hal Safi.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

Maġistrat: Dott. Dennis Montebello

Maltacom plc

Vs

Marika Ben Dhiaf

Il-Qorti,

Rat ir-rikors, tordna notifika lid-debitriċi fi żmien erbat(4) ijiem għal kull oppożizzjoni.

Illum, 9 ta' Frar 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.

Defendant: Marika Ben Dhiaf, 2, Flat 4, Triq San Ġorġ, Safi.

In the Court of Magistrates Malta

Magistrate Dr Dennis Montebello

Maltacom plc

Vs

Marika Ben Dhiaf

The Court,

Saw the application, Orders that the debtor be notified and he has to file a reply within four days.

Today 9th February 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 10th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

558

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appelll permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' April 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 77/1996 AMT, fl-ismijiet Jane armla Cassar, Tony u Mary Charlotte konjuġi Cassar, Albert u Anna konjuġi Cassar, Richard u Anette konjuġi Cassar, Edward u Mariella konjuġi Cassar, Henry u Marise konjuġi Cassar, Victoria u l-Avukat Dottor David Tonna konjuġi Tonna u Michael u Anna Murray Curtis vs Dott Michael Grech li b'digriet tad-9 ta' April 1996, ġie nominat kuratur deputat biex jirrapreżenta lill-assenti John u Brenda konjuġi Wayne u b'nota tat-30 ta' Ġunju 2004, l-imsemmija Brenda Wayne assumiet l-atti f'isimha u f'isem żewġha John, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Brenda Wayne, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell mill-atturi kollha u cioé Jane Cassar, Tony u Mary Charlotte konjuġi Cassar, Albert u Anna konjuġi Cassar, Richard u Anette konjuġi Cassar, Edward u Mariella konjuġi Cassar, Henry u Marise konjuġi Cassar, Victoria u l-Avukat Dottor David Tonna konjuġi Tonna u Michael u Anna Murray Curtis,

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 3rd April 2007, in the records of the Writ of Summons number 77/1996 AMT, in the names Jane widow Cassar, Tony and Mary Charlotte spouses Cassar, Albert and Anna spouses Cassar, Richard and Annette spouses Cassar, Edward and Mariella spouses Cassar, Henry and Marise spouses Cassar, Victoria and Advocate Dr David Tonna spouses Tonna and Michael and Anna Murray Curtis vs Dr. Michael Grech who by decree of the 9th April 1996, was appointed Deputy Curator to represent the absent John and Brenda spouses Wayne and by note of the 30th June 2004, the records of the case were transferred unto the name of Brenda Wayne in her own name and that of her husband John, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Brenda Wayne, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal by all the plaintiffs and that is Jane Cassar, Tony and Mary Charlotte spouses Cassar, Albert and Anna spouses Cassar, Richard and Annette spouses Cassar, Edward and Mariella spouses Cassar, Henry and Marise spouses Cassar, Victoria and Advocate Dr. David Tonna spouses Tonna, and Michael

ir-rikorrenti, ippremettew illi l-atturi bħala l-aventi kawża tal-mejjet Joseph Cassar, huma proprjetarji pro indiviso, għal dak li jirrigwarda lill-atturi Jane armla Cassar, Tony, Albert, Richard, Edward u Henry aħwa Cassar u Victoria Tonna u Anna Murray Curtis, u l-atturi l-oħra bħala l-konjuġi rispettivi ta' l-atturi fuq imsemmija għal kull interess li jista' jkollhom bil-liġi biex tkun tista' ssir din il-kawża, ta' biċċa raba' b' razzett imwaqqa' ġo fiha bla numru imsejħa 'Ta' San Publiju' sive 'Ta' Ċikku' kontrada ta' Għammar limiti ta' l-Għarb, Għawdex tal-kejl ta' ċirka wieħed punt deċimali ħamsa u tmenin sigħan fi Triq San Publiju u tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Mercieca, mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Aquilina u mil-Lvant ma' beni tal-Kanonku Dun Paolo Formosa ...Omissis...

Illi meta l-atturi reċentament ġew biex jibnu fuq l-imsemmi raba' u razzett imwaqqa' sabu b'sorpriża kbira li fuq parti minn din l-art, il-konvenuti John u Brenda konjuġi Wayne, jew l-awturi tagħhom bnew parti mill-farmhouse jew dar tagħhom fl-indirizz 17, ġa qabel 16, Triq ta' Għammar, limiti ta' l-Għarb jew l-Għasri f'Għawdex u invadew il-proprjetà tagħhom u tar-rispettivi konjuġi tagħhom kif jidher aħjar mill-pjanta hawn annessa;

...Omissis...

Talbu għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

1. Il-konvenuti qed jokkupaw illegalment u abbużivament il-parti mir-raba u razzett imwaqqa' ġo Triq San Publiju Ta' Għammar, Għawdex li tidher indikata fil-pjanta (Dok. D) proprjetà ta' l-atturi Jane armla Cassar, Tony, Albert, Richard, Edward u Henry aħwa Cassar u Victoria Tonna u Anne Murray Curtis, bħala aventi kawża tal-mejjet Joseph Cassar u ta' l-awtur tiegħu Chevalier Anthony Cassar;

2. Għaliex il-konvenuti m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti li fi żmien qasir u perentorju li jiġi minnha ffissat iwaqqgħu u jiddemolixxu kull bini u kostruzzjoni tagħhom li hemm fuq il-parti ta' l-art hekk abbużivament minnhom okkupata ...Omissis....

3. F' każ illi l-konvenuti jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien hekk lilhom prefiss li l-atturi jiġu awtorizzati li huma stess, a spejjeż tal-konvenuti iwaqgħu l-bini u kostruzzjoni li tinsab fuq il-proprjetà tagħhom abużivament kif fuq intqal...Omissis....

Permezz ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-konvenuti ġie eċċepit li:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, ...Omissis...

and Anna Murray Curtis, the applicants, premised that the plaintiffs as successors in title of the deceased Joseph Cassar, are pro indiviso owners as far as concerns the plaintiffs Jane widow Cassar, Tony, Albert, Richard, Edward and Henry, brothers Cassar and Victoria Tonna and Anna Murray Curtis, and the other plaintiffs as the respective spouses of the plaintiffs above mentioned and for any interest they may have by law in order that this law suit be made, of a plot of land with a demolished farmhouse in it,without number named 'Ta' San Publiju' sive ' Ta' Ċikku' limits of ta' Għammar limits of Għarb, Gozo, of the area of circa one point eighty five sigħan in Saint Publius Street and bordering on the North with property of Joseph Mercieca, on the West with property of Carmelo Aquilina and on the East with property of Canon Fr. Paolo Formosa ...Omissis...

That when the plaintiffs recently came to build on the said land and demolished farmhouse they found with great surprise that on a part of this land, the defendants John and Brenda spouses Wayne, or their predecessors in title built part of their farmhouse or home at the address 17, previously 16, Għammar Street, limits of Għarb or Għasri in Gozo and invaded their property and of their respective spouses as appears from the plan hereby attached;

...Omissis...

Prayed why for the reasons premised this Court should not decide that:

1. The defendants are illegally and abusively occupying part of the land and demolished farmhouse in Saint Publius Street, Ta' Għammar, Gozo, which is indicated on the plan (Doc. D) property of the plaintiffs Jane widow Cassar, Tony, Albert, Richard, Edward and Henry brothers Cassar and Victoria Tonna and Anne Murray Curtis, as successors in title of Joseph Cassar and his predecessor in title Chevalier Anthony Cassar;

2. Why the defendants should not be condemned by this Court so that within a short and peremptory period that shall be fixed by this Court they demolish all their building and construction which is situated on part of the land abusively occupied by them ...Omissis...

3. In case that the defendants fail to do this within the time fixed to them the plaintiffs be authorized themselves, so at the expense of the defendants they demolish the building and construction which abusively lies on their property as above stated ...Omissis...

By means of a note of pleas filed by the defendants it was pleaded that:

1. That the demands of the plaintiff are unfounded in law and in fact ...Omissis...

2. Illi fuq kollox u mingħajr preġudizzju hija applikabbli fil-konfront tal-pretensjonijiet ta' l-atturi l-preskrizzjoni akkwiżittiva dečimali stabbilita bl-Artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili.

Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005, is-sentenza parzjali li ngħatat mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 2000, ġiet revokata u l-atti ntbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti.

Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ġurisdizzjoni Ġenerali fl-10 ta' Mejju 2006, it-talbiet ta' l-esponenti ġew miċħuda.

Illi l-esponenti jħossu ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u għalhekk qegħdin jinterponu appell mill-istess.

Illi l-aggravji huma is-segwenti:

1. Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla in kwantu wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar 2005, l-esponenti qatt ma ġew notifikati bl-avviż ta' rijappuntament ...Omissis...

Illi ċertament li l-esponenti ma ngħatawx smigħ xieraq in kwantu huma qatt ma ġew notifikati bl-avviż tar-rijappuntament tal-kawża u s-smigħ baqa' għaddej mingħajr ma l-esponenti kienu notifikati ...Omissis...

Dan apparti mill-fatt li mill-atti jirriżulta wkoll li l-appellati ppreżentaw ukoll nota ta' sottomissjonijiet li qatt ma ġiet notifikata lill-esponenti. Dan wasal biex il-Qorti għaddiet għas-sentenza mingħajr ma l-esponenti ngħataw l-opportunità li jiddefendu ruħhom.

2. Illi bla preġudizzju għal dak li ngħad iktar 'il fuq l-esponenti qegħdin ukoll iressqu aggravju dwar il-meritu;

(a) Illi fl-ewwel lok l-ewwel Qorti aċċettat u qablet matteżi li fejn konvenut jiddefendi kawża simili bl-eċċezzjoni li għandu titolu, l-oneru tal-prova jaqa' fuqu.

...Omissis...

Madankollu mill-mod kif ipproċediet l-Ewwel Qorti ma applikatx il-prinċipju li joħroġ mis-sentenza ċitata, li huwa l-ispostament tal-oneru tal-prova.Il-punt tat-tluq kien li fl-ewwel lok l-appellati kellhom jagħtu prova tat-titolu tagħhom fuq l-art in kontestazzjoni. Prova li kif ser naraw 'il quddiem ma nġabitx, kif wara kollox ġie ammess mill-Ewwel Qorti stess.

(B) Illi bla preġudizzju jekk wieħed kellu jara min mill-partijiet għandu l-aħjar titolu dawn huma żgur l-esponenti.

2. That above all and without prejudice the acquisitive ten year prescription established according to Article 2140 of the Civil Code is applicable against the claims of the plaintiff.

By means of a judgement given by the Court of Appeal on the 28th January 2005, the partial judgement given by the Court of First Instance on the 6th October 2000, was revoked and the records sent back to the Court of First Instance.

By means of a judgement given by the Court of Magistrates (Gozo) General Superior Jurisdiction on the 10th May 2006, the demands of the applicants were rejected.

That the applicants felt aggrieved by the of the Honourable Court of First Instance and are thus filing an appeal from the same.

That the grievances are the following:

1. That the judgement of the Court of First Instances is null in so far as after the delivering of Judgement of the Court of Appeal of the 28th January 2005, the applicants were never notified with the notice of reappointment ...Omissis...

That certainly the applicants were not given a fair hearing in so far as they were never notified with the notice of reappointment of the cause and the hearing proceeded without the applicants being notified...Omissis...

This apart from the fact that from the records it results also that the respondents filed also a note of submissions which was never notified to the applicants. This brought about the Court to deliver judgement without the applicants being given the opportunity to defend themselves.

2. That without prejudice to that stated above the applicants are raising a grievance as regards the merit;

(a) That in the first place the Court of First Instance accepted and agreed with the thesis that where the defendant defends a similar cause, with the plea that he has a title, the onus of proof lies with him.

...Omissis...

However in the manner the Court of First Instance proceeded it did not apply with t he principle which emerged from the judgement mentioned, which is the shifting of the onus of proof. The point of departure was that in the first place the respondents had to prove their title on the land in contestation. A proof which as we shall later on was not brought, as after all the Court of First Instance admitted.

(B) That without prejudice if one had to see who of the parties had the better title, it is certainly applicants. As stated

Kif jingħad fis-sentenza Direttur ta' l-Artijiet vs Polidano Brothers Limited, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. Imħallef T. Mallia) fis-7 ta' Lulju 2004, ...Omissis...)

(Ċ) Jiġi rilevat li permezz ta' att pubbliku datat 21 ta' Mejju 1969 (atti Nutar Dr. Antonio Galea) il-Kavallier Anthony Cassar (antenat ta' l-esponenti aħwa Cassar) kien xtara mingħand Lorenzo Aqulina;

' biċċa raba' b' razzett imwaqqa' ġo fiha bla numru msejħa 'Ta' Santu Pubbliku' sive 'Ta' Ċikku kuntrada 'Ta' l-Għammar limiti ta' l-Għarb,Għawdex, tal-kejl ċirka 1.85 mon. (wieħed punt deċimali ħamsa u tmenin sigħan) ...Omissis....

Fis-sentenza tat-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li l-pjanta annessa ma' l-att m'għandhiex titqies 'bħala biċċa mill-att li dwaru l-atturi appellati qegħdin jivvantaw ir-rivendikazzjoni tal-proprjetà in kwistjoni.

B'dana kollu dan ma jfissirx li fl-atti proċesswali m'hemmx provi li jikkonfermaw li l-art li tissemma fl-att ta' l-akkwist tal-21 ta' Mejju 1969 hija proprju l-art murija fuq il-pjanta ...Omissis....

Huwa magħruf li l-Qrati Ċivili għandhom jiddeċiedu fuq bażi ta' probabbiltà li l-esponenti jridu jippruvaw huwa li l-art deskritta fl-att ta' akkwist hija l-istess art li tidher fil-pjanta u li fiha hemm inkluż il-parti żgħira li dwarha hemm il-kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Mill-provi rriżulta li:

1. Teżisti pjanta li turi li l-art kienet inxtrat in forza ta' l-att ta' l-akkwist datata 21 ta' Mejju 1969. Hijiex parti mill-att jew le huwa irrilevanti. Din il-pjanta turi biċ-ċar x'kien l-oġġett tal-kuntratt ...Omissis...

11. Fuq il-pjanta hemm is-segwenti dettalji:

'Lok ta' djar u mandretta
Contrada ta' San Publiu
Area of Mandretta – 1.85 mondelli
Owner = Wenzu Aquilina.

Dawn id-dettalji li kollha nsibuhom fil-kuntratt ta' akkwist tal-21 ta' Mejju 1969.

Fil-pjanta nsibu l-istess firem li hemm fil-kuntratt ta' akkwist fuq imsemmi, bl eċċezzjoni tal-venditur għaliex jidher li ma kienx jaf jikteb. Il-fatt li l-pjanta ġiet annessa mal-kuntratt ma jista' jiġi nnegat minn ħadd u ġiet annessa miegħu biex tindika ċar u tond x' qieghed jinbiegħ ...Omissis...

Fil-fehma ta' l-esponenti ma jeżisti l-ebda dubbju dwar

in the judgement Director of Lands vs Polidano Brothers Limited decided by the First Hall Civil Court (Hon. Mr Justice T. Mallia on the 7th July 2004 ...Omissis...)

(C) It is pointed out that by means of a public deed dated 21st May 1969 (records notary Dr. Antonio Galea) Chevalier Anthony Cassar (a predecessor of the applicants brothers Cassar) had bought from Lorenzo Aquilina;

'a plot of land with a demolished farmhouse without number called 'Ta' Santu Pubbliku' sive 'Ta' Ċikku' in the area of 'Ta' l-Għammar limits of Għarb, Gozo of the area circa 1.85mon. (one point eight five sigħan) ...Omissis...

In the judgement of the 28th January 2005, the Court of Appeal declared that the plan attached with the act should not be considered as part of the act regarding which the respondent plaintiffs are claiming back the land in question.

However this does not mean that in the records of the proceedings there is no proof which confirms that the land mentioned in the deed of acquisition of the 21st May 1969 is exactly the land shown on the plan ...Omissis...

It is known that the Civil Courts are to decide on the basis of probability that the applicants are to prove that the land described in the deed of acquisition is the same land which appears on the plan and in which there is included a small part regarding which there is contestation between the parties.

From the proof it results that:

1. There exists a plan which shows that the Land was purchased by a public deed dated 21st May 1969. Whether it is part of the act or not is irrelevant. This plan shows clearly what the object of the contract was...Omissis...

11. On the plan there are the following details:

'Place for houses and mandretta
Area of St. Publiu
Area of Mandretta -1.85 mondelli
Owner – Wenzu Aquilina.

These details which are all found in the contract of acquisition of the 21st May 1969.

In the plan we find the same signatures there are in the deed of acquisition above mentioned, with the exception of the vendor as it appears that he did not know how to write. The fact that the plan was annexed with the contract cannot be denied by anyone and it was annexed with it to indicate clearly what was being sold ...Omissis...

In the opinion of the applicants there exists no doubt

dak li xtara l-awtur ta' l-esponenti cioé l-proprjetà kif murija fil-pjanta. L-intenzjoni tal-partijiet f'dak il-kuntratt kienet li Lorenzo Aquilina jittrasferixxi lill-Kavallier Cassar l-art kollha kif murija fuq il-pjanta u bil-kuntratt dak li kien effettivament jiġi trasferit u xejn inqas ...Omissis...

Hawnhekk hija rilevanti r-riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (presjeduta mill-Onor. Imħallef P. Sciberras) fil-kawża Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003 fejn saħansitra l-Qorti waslet biex tgħid:

'Din il-prova tad-dominju tista' ssir mhux biss permezz ta' titolu iżda anke bi kwalsijasi mezz ieħor...Omissis...

'In difetto di un titolo l-attore é ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge'...Omissis....

L-esponenti isostni li l-provi juru għalhekk li x-xiri kien jinkludi wkoll dik il-parti li hija l-meritu ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi kif ikkonfermat mill-Ewwel Qorti stess 'issir impellenti għall-Qorti li teżamina t-titolu pretiż mill-konvenut'.

(b) Illi imbagħad t-titolu li għab-bażi tiegħu l-appellati jippretendu li huma proprjetarji tal-porzjon art meritu ta' din il-kawża huwa datat 31 ta' Diċembru 1987 u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Michael Refalo, in forza ta' liema l-appellati akkwistaw;

'the tenement in Għammar limits of Għarb, Gozo, Saint Publius Street, marked seventeen (17) formerly marked number sixteen (16) free and unencumbered with all its rights and appurtenances'

Kif osservat l-Ewwel Qorti fit-titolu li fuqu qegħdin jibbażaw id-difiża tagħhom l-appellati 'ma jingħata l-ebda ħjiel ieħor tal-konsistenza tiegħu'.

It-titolu ta' l-esponenti jmur lura għal 1969, meta l-awtur tagħhom (Kavallier Anthony Cassar) xtara l-proprjetà, filwaqt li t-titolu li jivvantaw l-appellati huwa datat 31 ta' Diċembru 1987. Wieħed ma jridx jinsa li l-appellati ma bbażawx id-difiża tagħhom fuq il-pussess iżda invokaw favur tagħhom it-titolu tal-proprjetà. ...Omissis....

Meta wieħed jeżamina t-titolu li fuq l-appellati qegħdin jakkampaw il-jedd tagħhom għall-proprjetà bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jikkonkludi li l-porzjoni art meritu tal-kawża kienet inkluża f'dak it-titolu.

(ċ) Illi minn qari tas-sentenza jidher ċar li kien hemm żewġ fatturi biss li wasslu lill-Qorti biex tiċħad it-talbiet tal-esponenti u li huma:

regarding what the applicant's predecessor had bought, that is the property as shown in the plan. The intention of the parties in that contract was that Lorenzo Aquilina transferred to Chevalier Cassar all land as shown on the plan and what was transferred by the contract and nothing less ...Omissis...

The reference to the judgement given by the First Hall Civil Court (presided by the Hon. Mr. Justice P. Sciberras) in the law suit Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro decided on the 27 th June 2003 whereby the Court arrived to state:

'The proof of sovereignty can be made not only by means of title but with any other means ...Omissis...

'Failing a title the plaintiff is bound to prove his sovereignty by any other means allowed by law' ...Omissis...

The applicant upholds that the proof thus show that the purchase included that part which forms the merit of these procedures. Thus in these circumstances as confirmed by the Court of First Instance it is impellant on the Court to examine the title pretended by the defendant'.

(B) Then the title on the basis of which the respondents pretend that they are the owners of the portion of the land forming the merit of the cause is dated 31st December 1987 and published in the records of Notary Dr. Michael Refalo, in virtue of which the respondents acquired;

'the tenement in Għammar limits of Għarb, Gozo, Saint Publius Street, marked seventeen (17) formerly marked number sixteen (16) free and unencumbered with all its rights and appurtenances'.

As observed by the Court of First Instance in the title on which the respondents are basing their defence 'no details regarding its consistency was given'.

The title of the applicants goes back to 1969 when their predecessor (Chevalier Anthony Cassar) bought the property, whilst the title that the respondents vaunted is dated 31st December 1987. One must not forget that the respondents did not base there defence on possession but invoked in their favour the title of ownership ...Omissis...

When one examines the title on which the respondents are basing their rights to property by no stretch of the imagination can one conclude that the portion merit of the cause was included in that title.

(c) That from a reading of the judgement it appears clearly that there were two factors only which brought the Court to reject applicant's demands which are:

I. Avarija fil-kejl – skond l-Ewwel Qorti hemm avarija fil-kejl bejn dak li jissemma fil-kuntratti u l-pjanta...Omissis...

II. Il-ħajt diviżorju li kien beda jinbena. L-Ewwel Qorti ddikjarat li 'din il-linja diviżorja għandha tiġi presenuta li hi fid-dritt' B'kull rispett il-kontestazzjoni kollha hija dwar użurpazzjoni ta' porzjoni art mill-appellati, u ma tapplika l-ebda preżunzjoni. Il-preżunzjonijiet huwa maħluqa mill-liġi. Il-fatt li kien beda jinbena ħajt diviżorju ma jfissirx li min beda jagħmlu kien qiegħed jibniħ fuq il-linja diviżorju. Preżunzjoni simili ma teżistix fil-liġi.

Għal dawn il-motivi, l-esponenti filwaqt li jagħmlu riferenza għall-provi miġbura u jirriżerva li jressqu dawk il-provi li huma permissibbli skond il-liġi, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ġurisdizzjoni Ġenerali fl-10 ta' Mejju 2006, billi tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-appellati.

Appellanti: Marsovin, The Winery, Marsa.

Appellati: 17, Triq San Publiju Għammar
l/o Għarb
Għawdex (Żewġ notifiki)

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 11 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

I. Difference in measurement—according to the Court of First Instance, there was a difference in measurement between that mentioned in the contracts and the plan ...Omissis...

II. The dividing wall which had been started to be built. The Court of First Instance, declared that 'This dividing line is to be presented as being strait. With all respect to all the dispute regarding the usurpation of a portion of land by the respondents, there applies no presumption. Presumptions are created by law. The fact that a dividing wall started to be built does not mean that who started it was building it on a dividing line. A similar presumption does not exist at law.

For these reasons the applicants whilst referring to the proof gathered and reserve to bring forward that proof permitted by law, pray with respect This Honourable Court to cancel the Judgement given by the Court of Magistrates (Gozo) General Superior Jurisdiction on the 10th May 2006, by upholding the demands of the applicants.

With costs against the respondents.

Appellants: Marsovin, The Winery, Marsa.

Respondents: 17, Saint Publius Street Għammar
l/o Għarb,
Gozo (Two Services).

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 11th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

559

B'digriet moghti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-3 ta' April, 2007 fuq rikors ta' STERLING CAR RENTALS LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-3 ta' April, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SCHEMBRI PIERRE.

1. Vettura tal-marka Skoda bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL 152.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 11 ta' April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 3rd April, 2007 on the application of STERLING CAR RENTALS LTD, Monday, 14th May, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 3rd April, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SCHEMBRI PIERRE.

1. Motor vehicle Skoda with registration number EBL 152.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 11th April, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

560

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Frar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 225/07, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Day to Day Limited (C 11791) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 25 ta' Jannar 2007

Lil Day to Day Limited (C 11791)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. filwaqt illi tirreferik għall-iskrittura privata datata 14 ta' Lulju 1997 u fis-26 ta' Ġunju 1998, fejn inti iggarantejt flimkien u 'in solidum' mas-soċjetà Taormina Holdings Limited, għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess soċjetà Taormina Holdings Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' mija u sitta u għoxrin elf, tliet mija u wieħed Liri Maltin u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm126,301.26) (€294,202.80) bilanċ għad-debitu fl-'Overdraft Account' tas-soċjetà Taormina Holdings Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-3 ta' Jannar 2007, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Soċjetà Intimata: Day to Day Limited
Valley Road, Birkirkara, NXR 09.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 22nd February 2007, in the records of the judicial letter number 225/07 in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Day to Day Limited (C 11791) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(5) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 25th January 2007

To Day to Day Limited (C 11791)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. whilst referring to the private writing dated 14th July 1997 and 26th June 1998, whereby you guaranteed together and 'in solidum' with the company Taormina Holdings Limited, in favour of the Bank of Valletta p.l.c. the debts of the same company Taormina Holdings Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of one hundred and twenty six thousand three hundred and one Maltese Liri and twenty six cents (Lm126,301.26) (€294,202.80) balance of debt in the ' Overdraft Account' of the company Taormina Holdings Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 3rd January 2007, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5 Palace Square, Valletta.

Respondent Company: Day to Day Limited
Valley Road, Birkirkara, NXR 09.

Registry of the Superior Courts, today 12th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

561

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fil-31 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Deborah Fenech De Fremaux (ID186876M) ta' Eman Mansione Flat 1, Triq Norfolk, Sliema, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mitejn u sebgħa u sebgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu Lm1,277.32 (€2,975.36) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (717/06MK) hija differita għat-23 ta' April 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 2nd November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 31st July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Deborah Fenech De Fremaux (ID186876M) of Eman Mansione Flat 1, Triq Norfolk, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of one thousand two hundred and seventy seven Maltese liri and thirty two cents Lm1,277.32 (€2,975.36) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 717/06MK) is put off on the 23rd April 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

562

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Novembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jet-Tech Limited (C18866) ta' 108, Flat 1, Whales Buildings, Triq Manwel Dimech, Sliema, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, mija u disa' liri Maltin u sebgħa u sebgħin lira ċenteżmu Lm1,109.77 (€2,585.07) liema ammont huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1015/06MK) hija differita għat-23 ta' April 2007 fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 15th November 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Jet-Tech Limited (C-18866) of 108, Flat 1, Whales Buildings, Triq Manwel Dimech, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of one thousand one hundred and nine Maltese liri and seventy seven cents Lm1,109.77 (€2,585.07) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1015/06MK) is put off on the 23rd April 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th April 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*